KUNSILL LOKALI PAOLA

*Ref*: 04/8/194/19

**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Paola

TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 04

*L-Erbgħa 9 ta' Ottubru 2019*

Il-Kunsill Lokali Paola ltaqa' fl-uffiċini amministrattivi tiegħu, fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar l-Erbgħa 9 ta' Ottubru 2019. Il-laqgħa kienet skedata għal-5.30pm.

**Preżenti:**

Dominic Grima - *Sindku*

Darren Lynch - *Viċi Sindku*

Steven Axisa - *Kunsillier*

Rita Delezio - *Kunsilliera*

Yvonne Arqueros - *Kunsilliera*

Neville Camilleri – *Kunsillier*

**Assenti b'apoloġija** (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ivan Bartolo – *Kunsillier*

**Assenti:**

**Uffiċjal Preżenti:**

Kurt Scerri-*Segretarju Eżekuttiv*

Kunsill Lokali Paola

# Minuti

Is-Sindku Dominic Grima ippreseda l-laqgħa.

## 1. Qari tal-ittri ta' apoloġija

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi l-Kunsillier Bartolo talab illi jkun skużat minħabba li kien xogħol. Il-membri qablu li jkun skużat.

## 2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

2.1. Il-Minuti nr. 03 ġew approvati *nem com.*

2.2. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri illi l-impjegata tal-Kunsill Alison Panzavecchia kienet qed taċċetta li tinħatar Deputat Segretarju Eżekuttiv.

## 3. Korrispondenza

3.1. Korrispondenza mingħand il-Wasteserv sabiex tinforma lill-Kunsill li ser ikun qed ikun hawn fil-Pjazza ta' Raħal Ġdid it-trakk tas-Sort-it-out darba fix-xahar.

*Il-Kunsilliera Rita Delezio daħlet issa.*

3.2. Talba mingħand it-tmexxija tad-Dar tal-Anzjani ta' Triq il-Belt Valletta sabiex isir parkeġġ għall-ambulanza, din id-darba għal Triq is-Sultana sabiex isservi iċ-Ċentru tad-Dimensja. Il-membri urew nuqqas ta' qbil fid-dawl li dan jista itellef aktar parkeġġ għar-residenti. Hawnhekk is-Sindku xtaq jirrimarka li din kienet talba li sargħet kif suppost wara li tgħaddi fil-Kunsill Lokali, però illum stess il-Kunsill jirċievi mingħand Transport Malta li l-istess Awtorità ser tagħmel parkeġġ riservat għall-iskola fi Triq Mater Boni Consigli. Kompla li dan qed isir ukoll fl-isfond ta' bosta *un/loading bays* li qed isiru mingħajr l-approvazzjoni tal-Kunsill. F'dan l-isfond is-Sindku qal li talab laqgħa mal-Kap Operattiv tal-Awtorità tat-Trasport sabiex dan is-suġġett ikun diskuss u jkun iċċarat li parkeġġi riservati bħal dawn li isiru mingħajr konsultazzjoni mal-Kunsill jitneħħew. Dwar il-każ tad-Dar tal-Anzjani il-Kunsillier Axisa qal ukoll illi l-Kunsill għandu jikkunsidra din it-talba meta jibda jinġieb aktar rispett lir-residenti tal-madwar. Il-membri iddiskutew dan is-suġġett u qablu li għanda tintalab aktar informazzjoni dwar fost l-oħrajn il-ħinijiet li fihom ser ikun okkupat dan il-parkeġġ qabel tkompli tiġi ikkunsidrata din it-talba.

3.3. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri illi komplew il-proċeduri legali fil-każ ta' ħlas żejjed ta' Management fee lill-kuntrattur Elton John Zammit liema proċeduri waslu sabiex il-Kunsill jirċievi korrispondenza mingħand il-Qorti fejn qed tinforma lill-Kunsill li l-ammont ta' €8,001 kienu qed jiġu depożitati il-qorti mill-Bank tal-istess Zammit sabiex tissodisfa it-talba tal-istess Kunsill. Is-Segretarju kompla li huwa kien informa lill-Avukat Camilleri li kien qed jaħdem fuq dan il-każ f'isem il-Kunsill Lokali Paola u l-istess Av. Camilleri ta' parir lill-Kunsill sabiex jistenna daqs ġimagħtejn sabiex tara jekk il-Kuntrattur Zammit jirrispondi għal dan il-każ u għall-flus depożitati l-qorti u jekk dan ma iseħħx umbagħad l-Avukat Camilleri jieħu ħsieb illi dawn il-flus jaslu għan il-Kunsill Lokali Paola. Il-membri qablu mal-parir kif mogħti mill-Avukat.

## 4. <u>CCTV</u>

4.1. Is-Sindku informa lill-membri illi kienet sargħet laqgħa mal-Aġenzija Lesa dwar il-problemi ta' abbużi ta' skart u parkeġġ fil-lokalita fejn ġew elenkati il-postijiet tas-Suq, Triq Żabbar u l-*bring-in-site* ta' Triq Fr. Charles Platter. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li f'din il-laqgħa l-aġenzija offriet li jekk il-kameras isiru mill-Kunsill huma ikunu lesti li jissorveljaw l-kameras. Dwar il-kamera ta' Triq Żabbar huma kienu lesti li jiffinanzjaw il-kamera huma stess. Il-membri qablu li isiru dawn il-kameras.

## 5. <u>Latrina fil-Green Corridor</u>

5.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri illi fid-dawl li kienet sargħet latrina fil-Green Corridor fuq art ta' terzi bħala parti mill-proġett tal-pjazza, ikun importanti li qabel il-Kunsill jieħu f'idejh it-tmexxija tal-latrina l-ewwel trid tiġi devoluta l-art lill-Kunsill sabiex umbagħad isir metre tad-dawl f'isem il-Kunsill. Is-Sindku qal li id-devoluzzjoni issir mingħajr obbligi għall-Kunsill li jagħmel tajjeb għal xi spejjez jew ħsarat li setgħu saru fuq il-propjetà tat-terzi sakemm tlestiet il-latrina. Il-membri qablu.

## 6. <u>*Offerti*</u>

6.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri illi ser jagħlqu l-offerti tal-Vertical Garden u tal-Perit u jkun meħtieġ li issir l-evalwazzjoni. Fuq parir tas-Segretarju Eżekuttiv, is-Sindku qal li jkun aħjar li għal din il-leġislatura issir Kumitat għall-Offerti li dejjem jevalwa huwa sakemm ma jkunx meħtieġ kumitat tekniku jew membri oħra li jevalwaw tender ad hoc. Il-membri qablu li l-Kumitat ikun magħmul mis-Sindku bħala Chairperson tal-Bord u l-membri jkunu Darren Lynch, Yvonne Arqueros u Ivan Bartolo. Il-Kunsillier Camilleri/Axisa jattendu meta xi ħadd mill-membri ikun nieqes.

## 7. Jum Paola

7.1. Il-Viċi Sindku Darren Lynch fakkar lill-membri illi b'referenza għad-data magħżula fil-laqgħa preċedenti kien hemm bżonn illi id-data tinbidel għad-9 ta' Novembru fid-dawl li fis-16 ta' Novembru ser ikunu ċċelebrati l-attivitajiet marbuta mal-pellegrinaġġ tal-Kunċizzjoni.

7.2. Il-Viċi Sindku qal li l-ħsieb huwa li issir quddiesa ta' ringrazzjament fis-6.00pm u wara isegwi riċeviment fis-sala tal-iskola primarja ta' Raħal Ġdid. Hemm ħsieb ukoll li ssir wirja mit-tfal tal-iskola b'rabta mal-lokalita. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar ukoll li l-Ħadd ta' qabel, 3 ta' Novembru ser isir ukoll Blood Drive fil-pjazza.

7.3. Dwar l-unuri u r-rikonoxximenti is-Sindku qal li qed nistennew mingħand l-għaqdiet u ser nkunu jistgħu jiġu diskussi kif jaslu jekk ikun hemm bżonn permezz tal-email.

7.4. Il-Viċi Sindku kompla li l-ħsieb huwa li s-sena d-dieħla l-attività issir aktar viċin tat-twaqqif tal-lokalita f'Lulju.

## 8. Laqgħa tal-lokalita

8.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri dwar l-obbligi legali ġodda sabiex isiru laqgħat għall-pubbliku fil-bidu tal-leġislatura, qabel jiġu approvati l-baġits għas-sena li tkun ġejja u mbagħad oħra tul is-sena bir-rapporti amministrattivi. Il-membri qablu li ssir laqgħa għall-pubbliku fit-13 ta' Novembru sabiex jiġi ppreżentat ir-rapport ta' ħidma għal din il-leġislatura u sabiex jiġu kunsidrati l-baġits

## 9. Komunikazzjoni mis-Sindku

9.1. Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li ingħalaq l-programm għall-attivita F'Casal Paola li qed tiġi organizzata mal-Għaqda Soċjali Mużikali Kristu Sultan u talab sabiex ikun approvat il-baġit ta' €7,000 b'risq din l-attività. Huwa kompla billi informa lill-membri bil-kontenut tal-attività. Il-membri approvaw.

9.2. Is-Sindku informa lill-membri li ser jibdew id-diskussjonijiet mas-Soċjeta Filarmonika De Paule dwar l-attività Milied F'Casal Paola għat-13 ta' Diċembru.

9.3. Is-Sindku informa lil membri illi qed jiġu organizzati wkoll attivitajiet oħra:

- 9.3.1. 23 ta' Ottubru Ġurnata Għawdex
- 9.3.2. 6-8 Diċembru *Weekend Break*
- 9.3.3. 11 ta' Diċembru Party tal-Milied għall-Anzjani
- 9.3.4. 20 ta' Diċembru *Dinner Dance*
- 9.3.5. Jannar Attività għat-tfal

9.4. Is-Sindku xtaq jitlob l-appoġġ tal-membri eletti sabiex meta jintalbu jattendu għal-laqgħat partikolari meta huwa ma jkunx jista' jattendi. Is-Sindku żied illi huwa importanti li meta niktbu fuq l-mezzi soċjali u nagħmlu referenza għall-attivitajiet tal-Kunsill għadna dejjem issir referenza li l-attivitajiet qed ikunu organizzati f'isem il-Kunsill.

## 10. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

10.1. Il-Kunsilliera Axisa xtaq jirrimarka li kien iltaqa' mas-Sur Daniele Sferra li miegħu tkellem daw il-proġett AT FORT li tiegħu kien membru il-Kunsill Lokali Paola. Kompla li jidher li l-Kunsill jidher li kien inżamm barra mill-kontinwazzjoni tal-proġett li issa jismu EFFORTS. Is-Sindku qal li importatni li minn dawn il-proġetti il-lokali jibbenefika minn xi ħaġa. Il-Kunsillier Axisa qal li l-Kunsill dejjem spiċċa ġabar aktar fondi milli ħareġ fil-proġetti Ewropej. Is-Sindku qal li kif il-konsulent tal-Kunsill dwar proġetti Ewropej Dr. Borg ikun Malta għanda issir laqgħa miegħu sabiex dan jiġi ċċarat. Is-Sindku qal li mhux ser jaċċetta li isiru proġetti biex il-membri tal-Kunsill joqogħdu isiefru. Il-Kunsillier Axisa qal li l-Kunsill dejjem ibbenefika minn dawn il-proġetti u jekk ma tingħatax risposta dwar dan il-proġett din l-opportunita tintilef u talab li l-accountant jippreżenta sa laqgħa oħra l-fondi li ħarġu u daħlu b'rabta ma dawn il-proġetti.

10.2. Il-Kunsilliera Delezio talbet sabiex tinġibed l-attenzjoni għax id-dawl tal-Pjazza iż-żgħira mhux jixhel. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li qed jaħdem dwar dan il-każ mas-Segretarjat għall-Gvern Lokali.

10.3. Il-Kunsillier Axisa xtaq jagħmel referenza għall-parkeġġ riservat viċin iċ-ċentru tas-saħħa għat-tobba. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri illi dawn il-parkeġġi saru wara qbil fil-Kunsill u diskussjonijiet maċ-ċentru tas-Saħħa u s-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali.

10.4. Il-Kunsilliera Arqueros staqsiet jekk kienx hemm risposta b'rabta mal-applikazzjonijiet li saru tar-restawr u tal-ħarsien tal-annimali. Is-Segretarju informa lill-membri illi dawn l-applikazzjonijiet kienu għadhom qed jiġu aġġudikati. Il-Kunsilliera Arqueros irrimarkat ukoll li l-coaches tat-tfal qed joħolqu konfużjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li każijiet simili jiġu diskussi mal-staff tal-iskola ta' kuljum.

*Il-Kunsillier Axisa telaq mil-laqgħa.*

**11. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

11.1. Il-membri tal-Kunsill Lokali approvaw l-iskeda ta' Pagamenti Nru. 04 għas-somma ta' €32,092.42.

**12. Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

12.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-7:15pm u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 13 ta' Novembru 2019.

12.2. Konfermati, illum l-Erbgħa 13 ta' Novembru 2019.

**IFFIRMATA**

Kurt Scerri
Segretarju Eżekuttiv

**IFFIRMATA**

Dominic Grima
Sindku